Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 291/2015

Il-Pulizja

Vs

Ilze Ciantar

Illum 8 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Ilze Ciantar detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 26533A, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn l-14 ta' Lulju, 2014 sal-14 ta' Awwissu, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqset li taghti lil zewgha Stephen Ciantar u/jew lil ulieda is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u kkundannatha gimgha detenzjoni. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Ilze Ciantar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-

sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokaha u kwindi minnha tillibera lil appellanti skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijijet, htija u piena, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformha in rigward piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa li tirrispekja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi primarjament, id-dispozizzjonijiet fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ordni ta' hlas ta' manteniment, huma kif minn dejjem kienu intenzjonati sabiex genitur jew sieheb jipprovdi mezzi sabiex minur/i jew mart jew zewgt parti ohra jkollu/hom mezzi adegwati sabiex jghixu l-hajja modesta. Fil-kaz sucitata, zewg binarji kardinali huma mertu ta' aggravji serji

Primarjament, l-esponenti mhux tort taghha li kienet ordnata thallas rata ta' 400 ewro fix-xahar lill-zewgha Stephen Ciantar u dan statne kif elenkat qabel, damet izjed minn 15 il-xahar sprovvista minn avukat ta' fiducja taghha qabel tnizzlet taxxa ezorbanti. Kieku per kirjanza, zewgha talab 700 ewro fir-rikors, kagun l-kontumacja taghha fir-risposti, il-Qorti tal-Familja, kienet tilqa' talbiet kollha kif dedotti minnu zewgha Stephen Ciantar!

Illi zewgha jircievi l-ghajnuna tac-children allowances kagun illi rnexxielu jiehu l-kura u kustodjua tal-ulied minuri, jahdem fuq bazi full time filwsaqt li l-esponenti tinsab snin disokkupata sabiex tkun tista' tinsel tul Malta, xix-xemxjia ghal Birzebbugia tlett darbiet fil-gimgha. Dan xehditu hija stess kif wkoll huwa ben konxju tal-fatti l-istess zewgha Stephen Ciantar.

Illi l-Ewwel Qorti semghet waqt il-mori tal-proceduri appellati, kif il-parti l-ohra assistita mill-avukat Maxeline Pace, taccetta hlas ta' 400 darba biss u tirtira l-akkuzi l-ohra kollha (dan dejjem juri kemm huwa konxju tal-istat prekarju tal-esponenti

zewgha Stephen Ciantar) izda malli waqt is-seduta l-esponenti ipproduciet l-400 ewro kontanti, zewgha kif assistit, rega' lura mill-verbal u differiment, u dan stante li kien nnotifikat fl-awla Mag. Dr, A. Vella b'rikors ghal smiegh b'urgenza mill-istess Qorti tal-Familja liz-zewgt uliedah minuri u b'hekk tismaghhom l-istess Onor. Mhallef illi huma determinati jergghu lura ma ommhom naturali;

Illi l-prosekuzzjoni wara talba mill-avukat tal-parti l-ohra, ikkoregiet il-perjodu tal-akkuza appellata, u cioe' minflok 14 ta' Marzu, 2014, tnizzlet brevament data ohra u cioe' 14 ta' Novembru, 2013, u dan minghajr ma l-esponenti kellha dritt moghti lilha ghall innotifikar mill-gdid sabiex tkun tista' tirregola d-difiza taghha u skond kif titlob il-procedura penali;

Illi l-Qrati tal-Appell nostrani dejjem insistew ghal kull kaz fejn persuna tkun disokkupata sabiex jirrvertu ghal Qorti tal-Familja sabiex ikollhom l-ammont imnaqqas jew sahansitra ikkancellat u kura u kustodja rivertita' lejn omm jew missier;

Illi kull aspettanza kif redott f'diversi decizjonijiet mill-Qrati tal-Appell Kriminali dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment, u cioe' illi persuna jekk disokkupata ghandha tirriverti ghal rikorsi fil-Qorti tal-Familja,sabiex tnaqqas jew ossia tiehu lura l-kura u kustodja ta' minuri, f'dan il-kaz ma treggiex! Dan kif elenkat qabel, fejn l-esponenti kienet fl-istat impossibli li tkun assistita minn avukat iehor qabel thallas somma esorbanti lil avukat predessura ghal rilaxx rikjest skond l-etika tal-avukatura. Din sehhet biss wara interventi diplomatici Latvjani, il-Kap tal-istat Malti, u Direttur Generali Qrati Gustizzja, fejn tnizzlet it-taxxa minn 2200 ewro ghal 700 ewro, liema somma wara thalset u komplew proceduri civili mill-esponenti;

Illi l-esponenti hekk kif regghet kompliet l-istess rikorsi fl-atti tar-rikors guramentat 337/11 (AL), kellha l-kura u kustodja mbidla ghal wahda konguntiva, izda waqt l-istess intavolar tal-appell sucitat, l-esponenti qedha tistenna digriet sussgwenti ghal tnaqqais jew kancellar tal-ammont manteniment kif wkoll smiegh specjali tal-minuri illi jridu b'sahha jirritornaw m'ommhom;

Illi kieku l-esponenti ma gietx mcahhda mill-kura u kustodja ta' wliedha, (normalment rati l-omm titlef il-kura u kustodja tal-ulied), li kieku ma kelliex problema tar-rilaxx li damet izjed minn sena u erba' xhur sakemm giet risolta, kieku kien ikolla ghajnuna socjali li fil-present titgawda mill-missier apparti introjtu ta' xoghol regolari li ghandu. B'hekk altru milli l-minuri huma deprivati minn bzonnijiet ta' kuljum fil-kaz odjern;

Illi l-esponenti lesta tharrek bil-permess ta' din l-Onorabbli, rapprezentanti Kamra Avukati, Direttur Generali Qrati tal-Gustizzja sabiex jikkonfermaw dan kollu. L-esponenti qatt ma inghatat risposta ghll-ittra taghha ghar-rilaxx stante l-ammont rikjest fit-taxxa msemmija u b'hekk ebda avukat iehor m'huwa ha jittenta jidhol fiz-zarbun tal-avukat predecessura taghha stante li hemm konsegwenzi etici f'kazijiet bhal dawn.

Illi di piou' din l-istanza hija l-ewwel okkazzjoni li l-esponenti intavolat appell fuq binajri ta' mancanza manteniment, u dan kif jirriszulta mill-fedina penali taghha stess. Jkun altru milli kontro-produttiv ghal bonfini tal-ahjar interess tal-minuri jekk ikun il-kaz illi l-esponenti tkun qed tiskonta piena karcerarja, dejjem abbazi ta' azzjoni mhux daqshekk komuni mressqa mill-missier kif wkoll cirkostanzi straordinarji li ssemmew aktar qabel fjen l-espoenenti giet sprovista minn avukat u b'hekk irrizulta stat kontumaci, konsetgwentement, il-Qorti tal-Familja, laqghet kull talba mressqa mill-missier l-minuri.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-verbal maghmul illum seduta stante min fejn jirriuzlta illi l-partijiet lahqu ftehim bejniethom kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni esebit (senjatament il-klawsola numru 14 tal-istess), hemm lok ghall-temperament fil-piena, ghalhekk il-Qorti se tikkonferma l-hitja dikjarata mill-Ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tirriforma d-decizjoni appellata, billi filwaqt li tikkonfemha f'dak li jirrigwarda l-htija, tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti wissiet lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur